**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum 18 ta' Lulju, 2016

**Il- Pulizija**
**(Spt. Josric Mifsud)**
**(Spt. Sandra Zammit)**

**-vs-**

**Andrew Bezzina detentur tal-Karta ta' l-Identita' numru 647582(M)**

Kumpilazzjoni Nru. 532/2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Andrew Bezzina talli:

Nhar l-24 ta' Gunju, 2015, fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, u postijiet ohra, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zmieninjiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a) Ikkommetta serq ta' diesel li jammonta għal €300 minn ġewwa *trailer* tal-għamla Iveco bin-numru tar-registrazzjoni CM313XH, liema serq kien aggravat bil-valur, bil-ħin, bil-mezz, bix-xorta tal-ħaġa misruqa u li seħħ a detriment ta' Gruppo Inventa;

b) iddenunzja lill-Pulizija Eżekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella ħoloq it-traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar, meta għamel rapport falz ġewwa l-Għassa tal-Ħamrun;

c) ikkommetta serq ta' diesel li jammonta għal €2,500 minn ġewwa diversi inġenji, liema serq kien aggravat bil-valur, bil-ħin, bil-mezz, bix-xorta tal-ħaġa misruqa u li seħħ a detriment ta' T&C Ciappara Construction;

d) ikkommetta serq ta' diesel li jammonta għal €150 minn ġewwa *trailer* tal-għamla Iveco bin-numru tar-reġistrazzjoni GAG914, liema serq kien aggravat bil-mezz, bix-xorta tal-ħaġa misruqa u li seħħ a detriment ta' Tarcisio Fenech;

e) kiser il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest f'dati differenti, illi kienu ġew imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u ċioe' mill-Magistrat Dr. C. Peralta LL.D., meta kien jinsab barra waqt il-ħin tar-rinkażar u fil-waqt illi wettaq reati oħra; u

f) wettaq reat waqt fil-perjodu operattiv ta'sentenza moghtija mill-Magistrat Dr Edwina Grima fl-1 ta' Novembru, 2011.

Il-Qorti giet mitluba ukoll li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-akkuzat sabiex jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tal-5 ta' Lulju, 2016, mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hu nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnhu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li qieghed jinstab hati dwarhom l-imputat, tal-fedina penali voluminuza tieghu, u tal-fatt li jidher bic-cjar li l-imputat rema' opportunitajiet moghtija lilu precedentement biex ippersista f'hajja ta' serq wara li ma kienx jaf jisfrutta opportunitajiet moghtija lilu minn qrati diversi. Ghalhekk ma hemmx dubbju li l-uniku piena idoneja ghandha tkun wahda karcerarja.

Dwar il-piena li ghandha tigi erogata tenut kont tal-fatt li l-imputat ammetta ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu ssir riferenza ghas-sentenza *Il-Pulizija vs Alexander Scerri:*[1]

---

[1] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali: Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera, 04.05.2011; Vide ukoll Il-Pulizija vs Stephen Zammit mill-istess Qorti, 12.12.1997

“Meta akkuzat jammetti l-akkuzi dedotti kontra tieghu fi stadju bikri tal-proceduri, dan ghandu jibbenefika minn xi riduzzjoni fil-piena. Naturalment, dan ma japplikax ghal kull kaz u l-Qorti trid tqis ukoll ic-cirkostanzi fejn u meta stqarr l-ammissjoni tieghu l-imputat, cioe': jekk hux fil-mument tal-investigazzjoni, jekk hux fil-mument tal-prezentata l-Qorti, jekk hux fil-bidu tal-proceduri qabel ma l-Prosekuzzjoni bdiet bil-provi taghha jew jekk l-ammissjoni gietx registrata aktar tard fil-proceduri, bl-isperanza li jkun hemm xi zball tekniku fil-procedura.

Fil-fatt **Archbold** a fol 528 tal-ktieb tieghu ***Criminal Pleading - Evidence & Practice*** - 1997 edition, jghid:

"*It will seldom be appropriate to impose the maximum sentence, in a case where there are substantial mitigating factors. An offender who pleads guilty to a charge may normally expect some recognition in the form of a reduction in the sentence which would have been appropriate on a conviction by the jury; it will seldom be appropriate to impose the maximum sentence on an offender who has pleaded guilty*".

Il-Qorti taqbel ma’ din l-linja ta' osservazzjonijiet in generali, pero’ l-kwistjoni li trid tigi trattata hija kemm ghandha tkun ir-riduzzjoni. .**Archbold** fl-opera fuq citata a fol 548 jghid :

*"The extent of the discount to be allowed has never been fixed, but cases in which reduction of sentence have been made by the Court of Appeal on this ground suggest that it is normally between 1/5 and 1/3 of the sentence which would be imposed as a conviction by a Jury."*

**Lord Taylor C.J.** qal :
"*There was no absolute rule as to what the discount should be but as a general guidance the Court believed that something of the order of 1/3 would be an appropriate discount.* "

Cirkostanza ohra li bhala regola ghandha tittiehed in konsiderazzjoni fil-ghoti tal-piena f'kaz ta' ammissjoni tkun li din effettivament ghenet biex il-kaz jigi deciz kemm jista’ jkun malajr u minghajr spejjez inutili ghall-pubbliku. F'dan il-kaz jirrizulta bic-car li l-ammissjoni tal-imputat saret filbidu nett tal-proceduri w il-Qorti ghalhekk thoss li dan kollu ghandu jitqies bhala *mitigating factor* sabiex il-piena ma tigix inflitta fil-massimu.

Il-Qorti pero’, wara li qisiet dan kollu, ma tistax ma tihux hsieb l-interess tas-socjeta', waqt li fl-istess hin taghmel gustizzja mal-imputat…..”

Fil-kaz in dezamina l-imputat ammetta l-akkuzi fi stadju ferm avvanzat tal-proceduri u ghalhekk certament dan ma jistax jissarraf f’xi riduzzjoni sostanzjali fil-piena erogabbli.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 110(b), 261(a) (c)(f)(g), 263, 267, 270, 271, 278, 279, 280, 289, 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal tlett snin u nofs prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-hati nzamm taht arrest preventiv.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fis-26 ta’ Marzu, 2015, l-imputat kien inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet fosthom that garanzija ta’ €1500 li ma jikkomettix reati ohra u dan fil-kawza fl-ismijiet “Il-

Pulizija (Spettur Luke Bonello) vs Andrew Bezzina". Din l-imputazzjoni giet pruvata tenut kont tal-ammissjoni tal-imputat.
Illi l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jimponi l-konfiska ta' l-ammont tal-garanzija b'mod tassattiv u ghaldaqstant il-Qorti tordna li l-garanzija fl-ammont ta' elf u hames mitt Ewro tigi konfiskata u tghaddi favur il-Gvern ta' Malta ai termini tal-istess artikolu.

Inoltre' b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti qeghda iddahhal fis-sehh wkoll is-sentenza sospiza ta' sentejn (2) prigunerija moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-1 ta' Novembru, 2011.

Finalment bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' € 541.67c rapprezentanti spejjez peritali. F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi.

Illi peress li mill-istess fedina penali jidher li l-imputat fil-passat kellhu l-problema tad-droga, il-Qorti qed tirrikomanda lid-Direttur tal-Facilita` Korretiva ta' Kordin sabiex l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega sabiex jeghleb darba ghal dejjem dan il-vizzju inkluz li jsegwi programm ta' riabilitazzjoni.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**